MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Numru. 764/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**

**vs**

**Simon Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Simon Spiteri ta' 40 sena bin Espedito u Maria Concetta nee' Cutajar, imwieled Pieta' fil-10 ta' Settembru 1963 u residenti (temporanjament): Blokk C, Flat 3, Tal-Blat Estate, Qormi u detentur tal-karta' tal-identita' numru 470763(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-1 ta’ Mejju 2001, f’ Marsaskala, fil-5 ta’ Dicembru 2001, fiz-Zejtun, fit-8 ta’ Jannar 2003, fl-Mriehel, fis-17 ta’ Jannar 2003, fl-Mriehel, fit-8 ta’ April 2003, f’ San Gwann, fl-10 ta’ Mejju 2003, f’ San Giljan, fil-5 ta’ Awissu 2003, f’ Ta’ Xbiex u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer;

1. B’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga’ b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm6,000 b’ qerq bi hsara ta’ Gaetano Zerafa, ghamel qliegh ta’ Lm3,000 b’ qerq bi hsara ta’ John Baptist Zammit; ghamel qliegh ta’ US$3,600 b’ qerq bi hsara ta’ Mark Vassallo (Aluserv Limited); ghamel qligh ta’ Lm2672.88 b’ qerq bi hsara ta’ John Wismayer (J.T.M.R Holdings Limited) u ta’ Eurochange Bureau, kif ukoll ghamel qliegh li ma jeccedix il-Lm500 bi hsara ghall-Les Lapins Hotel, Ta’ Xbiex bi ksur ta’ l-Artikolu 308,309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ Lm6,000 ghad-detriment ta’ Gaetano Zerafa; is-somma ta’ Lm3,000 ghad-detriment ta’ John Baptist Zammit; kif ukoll is-somma ta’ US$3,600 ghad-detriment ta’ Mark Vassallo (Aluserv Limited) liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi skur ta’ l-Artikoli 293,294 u 310 tal-Kap .9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f’ kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 17 ta’ Dicembru 2003 (esebita a

fol. 73 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;
(a) Fl-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310, 31, 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2006, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Saret it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa, frodi nnominata u approprijazzjoni bla jedd kontemplati fl-Artikoli 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi rrizulta li l-Pulizija rcevew rapporti fil-konfronti tal-imputat minghand diversi nies fejn dawn allegaw li kienu fdawlu flus jew altrimenti tawh kreditu ghaliex huwa geghlhom jahsbu li jew kien qed jinvesti l-flus lilu moghtija jew altrimenti li huwa seta' jhallas lura l-kreditu lilu moghti. F'dawn il-proceduri fil-fatt xehed Mark Vassallo li huwa direttur ta' Aluserv Limited (xhieda relattiva nserita a fol. 30 sa 32 tal-process fejn dan spjega li huwa kien gie avvicinat mill-imputat li qallu li seta' japplikalu ghal tender ghal xoghol ta' aluminium li kellu jsir fit-Tunisia u talbu xi flus sabiex japplika ghan-nom tieghu ghal dan it-tender. Dan Vassallo spjega li b'kollox huwa ghadda is-somma ta' $1,600 (elf u sitt Dollaru Amerikan) u qal li l-imputat kien weghdu li jekk ix-xoghol ma jsirx huwa jiehu l-flus lura. War li ghadda xi zmien Vassallo talab lill-imputat jghaddilu lura l-flus ghaliex ix-xoghol baqa' ma sarx izda baqa' ma hax flusu lura u kien ghalhekk li huwa ghamel rapport lil Pulizija. Mark Vassallo xehed ukoll li llum il-gurnata l-imputat kien hallsu lura l-ammont in kwistjoni u qal li huwa kien qed jahfirlu ghal dak li kien gara.

Il-Pulizija rceviet rapport iehor minghand John Wismayer li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2003 fejn spjega li l-imputat kellu jhallsu ammont ta' flus bhala arretrati ta' kera u qal li kien ghaddielu cheque sabiex jeffetwa l-pagament tal-ammont dovut lilu u meta huwa mar isarraf dan ic-cekk ghand il-Euro Change dan gie msarraf izda sussegwentement baghtu ghalih u qalulu li c-cheque ma kienx gie onorat ghaliex il-kont barra minn Malta ma kienx fih fondi u ghalhekk huwa kellu jhallas lura l-ammont kopert fic-cekk lil Euro Change. Dan ix-xhud spjega li llum il-gurnata l-imputat hallsu l-ammont kollu dovut bhala kera.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Paul Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' manager ta' Les Lapins Hotel (xhieda relattiva inserita a fol. 47 sa 48 tal-atti processwali) fejn dan spjega li l-imputat kien ghamel zmien jirrisjedi fl-imsemmija lukanda u qal li l-imputat kien indika li setghu jibghatu l-kont f'indirizz li wara rrizulta li ma kienx jirrisjedi fih u qal ukoll li l-imputat kien telaq mill-lukanda minghajr ma hallas il-kont li kien jammota ghal Lm400. Dan ix-xhud izda qal li llum il-gurnata l-imputat kien mar minn jeddu ihallas l-ammont kollu dovut.

F'dawn il-proceduri xehdu wkoll John Baptist Zammit (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 41 sa 43 tal-atti processwali) u Gaetano Zerafa (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 63 u 64). Dawn iz-zewg individwi it-tnejn jallegaw li kienu taw ammonti sostanzjali ta' flus lill-imputat (John Baptist Zammit jindika l-ammont ta' madwar Lm3,000 filwaqt li Gaetano Zerafa jindika l-ammont ta' Lm6,000) sabiex jinvestihom ghalihom barra minn Malta ghaliex huwa kien weghdhom li ser igibilhom imghax ta' 20%. Kemm Zammit kif ukoll Zerafa xehdu li huma baqghu ma hadux il-kapital lura u l-anqas thallsu imghax minghand l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fil-11 ta' Settembru 2003 l-imputat kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizija (inserita a fol. 23 sa 27 tal-atti processwali) fejn huwa ammetta l-allegazzjonijiet

maghmula minn Mark Vassallo, John Wismayer u Les Lapins Hotel fil-konfronti tieghu u qal li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel u kien dispost li jhallas lura l-ammonti kollha involuti izda min-naha l-ohra huwa cahad kategorikament dak allegat minn John Baptist Zammit u Gaetano Zerafa u spjega li dan tal-ahhar kien sellfu is-somma ta' Lm1,500 u huwa kien ilu tlett snin ihallsu lura bir-rata ta' Lm300 fix-xahar. Huwa qal ukoll li kien issellef il-flus minghand John Baptist Zammit u kien qed ihallas lura bir-rata ta' Lm100 u kkalkula li lil Zerafa kien lahaq hallsu Lm7,500 u lil John Baptist Zammit Lm2,500.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva nserita a fol. 120 u 121 tal-process) fejn ikkonferma li fis-sena 2000 kien issellef is-somma ta Lm1,500 minghand Gaetano Zerafa u s-somma ta' Lm5,000 minghand John Baptist Zammit u qal li ghamel zmien twil ihallashom lura bir-rata ta' Lm100 fix-xahar ghal kull Lm500 li kien isellef u jghid li tul is-snin kien hallas lura ferm oltre l-ammont originarjament misluf.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz l-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat in kwantu riferibbli ghal John Wismayer, Mark Vassallo u Les Lapins Hotel u dan mhux biss permezz tax-xhieda tal-persuni li ghamlu r-rapport rigward l-allegata truffa, frodi innominata jew approprijazzjoni indebita izda anki peremzz tal-istqarrija tal-istess imputat fejn huwa ammetta dak allegat fil-konfronti tieghu minn dawn l-imsemmija tlieta min-nies. L-istess haga ma tistghax tinghad ghall-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni in kwantu riferibbli ghal dak allegat minn Gaetano Zerafa u John Baptist Zammit. Kif diga' intqal aktar 'il fuq l-imputat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri, dejjem allega li huwa qatt ma kien inghata flus minn dawn iz-zewg individwi sabiex jinvestihom barra minn Malta izda qal li huwa kien issellef il-flus minghandhom u kien qed ihallashom lura b'imghaxxijiet oghla mir-rata permissibli mill-ligi. Il-Qorti

hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat f'dan ir-rigward anki ghaliex hija tal-fehma li huwa pjuttost inverosimili li xi hadd jafda ammonti sostanzjali ta' flus, bhal ma qed jghidu li ghamlu Zammit u Zerafa, sabiex jigu nvestiti barra minn Malta minghajr ma jesigi li jinghata informazzjoni dwar fejn dawn ser jigu nvestiti jew minghajr almenu ma jinghataw ricevuta tal-flus li jkunu ghaddew lill-imputat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa fil-fatt kien issellef il-flus minghand John Baptist Zammit u Gaetano Zerafa b'rati ta' imghax oghla minn dawk permissibbli mill-ligi. L-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat in kwantu riferibbli ghal dawn it-tnejn min-nies ma jistghux jitqiesu li gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll il-fatt li illum il-gurnata l-imputat hallas lura l-ammonti kollha dovuti lil vittmi u ghalhekk mhux ser tigi mposta piena karcerarja effettiva izda ser jigi applikat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31,293, 294, 308, 309, 310 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Simon Spiteri hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu dawn huma riferibbli ghal Mark Vassallo, John Wismayer u Les Lapins Hotel u tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li l-imputat jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------